



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

14787/21
ADD 1
LIMITE
PV CONS 47
ECOFIN 1222

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji)
7 ta' Diċembru 2021

WERREJ

Pàġna

Attivitajiet mhux leġislattivi

8.	Implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.....	3
9.	Semestru Ewropew 2022 Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2022, Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2022 u Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro	3
10.	Rapport Annwali 2021 tal-Bord Fiskali Ewropew	3
11.	Kodiċi ta' Kondotta (Tassazzjoni tal-intrapriżi)	3
	a) Konklużjonijiet dwar il-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi ta' Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)	
	b) Riżoluzzjoni dwar Kodiċi ta' Kondotta rivedut	
12.	Segwitu għall-adozzjoni tal-baġit għall-2022.....	4
13.	Affarijiet oħra	4
	ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill	5

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

8. Implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

*Sitwazzjoni attwali
Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill ġie informat dwar is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u kellu skambju ta' fehmiet dwar din il-kwistjoni.

9. Semestru Ewropew 2022

**Stharriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2022, Rapport
dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2022 u Rakkomandazzjoni
dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro**
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni

14145/21

14143/21 + ADD 1

14146/21 + ADD 1

Il-Kunsill ġie infurmat dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2022, Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2022 u Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro.

10. Rapport Annwali 2021 tal-Bord Fiskali Ewropew

Preżentazzjoni

14315/21

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar ir-Rapport Annwali tal-2021 tal-Bord Fiskali Ewropew.

11. Kodiċi ta' Kondotta (Tassazzjoni tal-intrapriżi)

- a) **Konklużjonijiet dwar il-progress miksub mill-Grupp
dwar il-Kodiċi ta' Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)**
b) **Riżoluzzjoni dwar Kodiċi ta' Kondotta rivedut**
Approvazzjoni

14653/21

14643/21

It-test finali tal-konklużjonijiet tal-Kunsill li jinsab fid-dokument 14814/21 ġie adattat fid-dawl tad-diskussjoni dwar ir-reviżjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta. Il-Kunsill ma setax japprova "Kodiċi ta' Kondotta għat-tassazzjoni tal-intrapriżi" rivedut.

12. Segwitu għall-adozzjoni tal-baġit għall-2022

Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill qabel unanimament dwar id-dikjarazzjoni unilaterali mill-Kunsill dwar it-taqsim tal-baġit li jirreferi għall-Parlament Ewropew u qabel li jirreġistraha fil-minuti tal-Kunsill.

13. Affarijiet oħra

Ma tqajjem l-ebda punt taħt din l-intestatura.

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" mhux leġislattivi li jinsabu fid-dokument 14581/21

Dwar il-punt "B"
nru 12:

Segwitu għall-adozzjoni tal-baġit għall-2022
Informazzjoni mill-Presidenza

DIKJARAZZJONI UNILATERALI MILL-KUNSILL DWAR IT-TAQSIMA TAL-BAĠIT LI TIRREFERI GĦALL-PARLAMENT EWROPEW

"Il-Kunsill jissottolinja li l-limitu massimu għall-Intestatura 7 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali huwa bbażat fuq il-premessa li l-istituzzjonijiet kollha tal-UE jadottaw approċċ komprensiv u mmirat għall-istabbilizzazzjoni tal-għadd tal-persunal u għat-tnaqqis tan-nefqa amministrattiva. It-talba tal-Parlament Ewropew biex jiżdiedu 142 kariga fil-Pjan ta' Stabbiliment tiegħu, kif ukoll 180 membru tal-persunal estern għalhekk mhijiex konformi mal-ispirtu tal-ftehim tal-QFP.

Il-Kunsill jinnota wkoll li fid-dawl tal-ftehim ta' konċiljazzjoni tal-AB 2020, il-postijiet għall-kompetizzjonijiet "Passerelle" kellhom jitneħħew mill-Pjan ta' Stabbiliment fl-2022.

It-trattament tal-istimi tan-nefqa tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huwa bbażat fuq l-idea ta' fiduċja reċiproka li għaliha l-Kunsill jistenna mill-Parlament Ewropew it-trasparenza meħtieġa meta jistabbilixxi l-ħtiġijiet tiegħu u jipprovdi l-motivazzjoni tagħhom. Il-Kunsill għalhekk jiddispjaċih li l-Parlament Ewropew jirrifjuta li jiġġustifika l-persunal addizzjonali mitlub liċ-ċittadini Ewropej.

Fl-aħħar nett, il-Kunsill jinnota li l-evoluzzjoni fl-għadd tal-persunal fl-istituzzjonijiet m'għandhiex iddgħajef il-bilanċ interistituzzjonali bejniethom u jappella lill-Kummissjoni biex tagħmel użu mid-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 314(1) TFUE."